MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2009

Numru. 1018/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Raymond D’ Anastasi**

**vs**

**Frankie Falzon**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Frankie Falzon ta’ 27 sena bin Alfred u Mary Grace nee’ Azzopardi, imwieled Hal-Qormi fit-30 ta’ Jannar 1978 u residenti ‘Romantic Flats’ numru 3, Triq F. Farrugia, Haz-Zebbug u detentur tal-karta tal-identita’ numru 138078(M) gie mressaq quddiemha akkuzat:

Fl-24 ta’ Awwissu 2005 ghall-habta tal-hdax neqsin kwart ta’ filghaxija gewwa Hal-Qormi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt Lira Maltin imma hija izjed minn hamsin lira Maltin u li liema hsara saret fuq vettura numru BBE 982 ghad-dannu ta’ Owen Zammit minn Hal-Qormi;

Semghat il-provi;

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 1 ta’ Novembru 2005 (esebit *a folio* 13 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-28 ta’ Frar 2007 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tat-2 ta’ Lulju 2009 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li hu hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghha u tatu zmien xieraq sabiex jekk trid terga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietha it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu l-fedina penali relattivament netta u l-fatt li l-ammont indikat fl-akkuza thallas kollu lill-vittma.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u b’ applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sentejn(2) millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------